MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 462/2002/1

**George Bugeja**

**vs**

**Joseph Meilak**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-22 ta' April, 2002, li in forza taghha, wara li ppremetta:

1. Illi l-attur avvanza lill-konvenut is-somma ta' tlieta u erbghin elf lira Maltin (LM43,000) kontra l-garanzija

ta' *cheque* Ingliz mahrug fuq The Cooperative Bank ghall-ammont ta' hamsa u sittin elf mitejn u sitta u tletin Lira sterlina (Stg.65,236.00);

*2.* Illi nonostante l-istanti gie assikurat mill-konvenut illi c-*cheque* minnu rilaxxjat seta' jisarraf, u nonostante wkoll li prometta li jaghti lill-attur *Bank Draft* jew rimbors tal-flejjes avvanzati, effettivamenti, u stante l-assikurazzjoni moghtija mill-istess konvenut, dan l-istess *cheque* baqa' ma ssarrafx meta gie prezentat ghal daqshekk u anzi gie ritornat lura bir-rimarki *"Account Closed. Refer to Drawer";*

3. Illi l-istanti nterpella anke ufficcjalment lill-konvenut biex dan jirrimborsalu lura l-ammont lilu hekk avvanzat dan baqa' inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1) tiddikjara u tiddeciedi skond it-talba tal-attur bid-dispens tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

2) konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lura lill-attur is-somma ta' tlieta u erbghin elf Lira Maltin (LM43,000) li giet lilu avvanzata kif fuq inghad;

3) Bl-interessi u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Jannar 2002 kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Mejju, 2002, li in forza tieghu akkordat lill-konvenut il-fakolta' li jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet, u ppreferiggietlu terminu ta' ghoxrin gurnata ghall-presentata ta' din in-nota ta' l-eccezzjonijiet;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-Dritt, stante illi mhux minnu illi l-attur avvanza l-ammont pretiz lill-eccipjenti u effettivament ic-cekk imsemmi fic-Citazzjoni ma kellu ebda konsderazzjoni, kif jista' jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

F'din il-kawza l-attur qed jaghmel talba ghar-rifusjoni ta' LM43,000 li hu jghid li ghadda lill-konvenut. Dawn il-flus l-attur ghaddihom lill-konvenut fi flus kontanti (wara li zbanka ammonti mid-depositi bankarji li kellu), u ghalkemm ma nghatax ricevuta ghall-flus li ghaddew minn id ghall-ohra, il-konvenut, in kontro-kambju hareg cheque ghal £stg 65,236; hargu fuq ismu u iggirah in bjank. Il-partijiet kienu jafu lil xulxin miz-zmien meta t-tnejn kienu jahdmu mal-Bank of Valletta plc u t-tnejn kellhom x'jaqsmu mal-investimenti barranin li kien jinnegozja l-Bank. Meta spiccaw jahdmu mal-Bank, l-attur fetah agenzija privata ta' investimenti, bl-isem ta' All Financial Services Ltd., u l-konvenut beda jinnegozja fil-bolli, b'mod li meta kellu bzonn jaghmel transazzjonijiet esteri kien jinqeda bl-agenzija tal-attur peress li kienu hbieb. Kien ghalhekk li, skond l-attur, il-konvenut darba minnhom talbu jselfu s-somma ta' LM43,000 fi flus Maltin. Dan in-negozju sar f'Lulju tal-2000, u l-partijiet ftehmu li

f'Settembru ta' l-istess sena, meta l-konvenut jimmaturalu depozitu li kellu, il-konvenut irodd lura l-flus jew johrog *bank draft* ghall-istess ammont. Bhala garanzija, sakemm il-konvenut  ikun f'posizzjoni li jrodd il-flus lura jew johrog il-*bank draft*, il-konvenut hareg ic-*cheque* ghal £stg 65,236, l-ekwivalenti ghal flus mislufa lilu. Ic-*cheuqe* hareg fuq Bank ingliz peress li kien f'dak il-Bank li l-konvenut kellu d-depozitu indikata. Gara li Settembru tal-2000 gie u ghadda, u l-attur baqa' ma inghatax il-flus lura u lanqas ma inghata *bank draft* ghas-somma mislufa.  L-attur ipprova jsarraf ic-*cheque* li kien tah f'idejh il-konvenut dak inhar li sehhet it-transazzjoni, izda c-*cheque* ma ssarrafx peress li l-kont li l-konvenut kellu mal-Bank ingliz kien inghalaq.

Il-konvenut jaghti storja kompletament differenti dwar kif sehhew l-affarijiet. Fil-waqt li jaqbel li hu u l-attur kienu hbieb miz-zmien li kienu jahdmu flimkien mal-Bank of Valletta, hu jghid li kien l-attur li avvicinah u talbu jekk jaccettax li flus barranin li kellu jdahhal, jigu depozitati fil-kont tieghu (tal-konvenut), flok f'kont li l-attur stess kellu. Il-konvenut jghid li, ghall-ewwel, ma riedx jindahal ghax haseb li la darba l-attur ma riedx illi jaghmel dan in-negozju b'kont tieghu stess, kien hemm xi haga tinten, izda ghalkemm ried "naghmel minn kollox biex it-transazzjoni ma ssehhx", hu kien "ceda" u accetta li jircievi fil-kont tieghu l-flus li kellu jircievi l-attur. Il-konvenut jghid li hu, pero', xorta wahda ma riedx jindahal fin-negozju ta' l-attur, u ghalhekk, qabel ma accetta l-proposta tal-attur, ghalaq il-kont li kellu l-Ingilterra, u dan sabiex meta l-klienti tal-attur jippruvaw jittrasferixxu l-flus fil-kont tieghu, isibu l-kont maghluq u b'hekk it-*transfer* ma jsirx. Peress li l-attur ried garanzija li se jirrifondilu l-flus darba jidhlu fil-kont tieghu, hu hareg bhala  ricevuta *cheque* personali tieghu fuq il-kont li kien gia ghalaq. Ghall-konvenut, l-istorja waqfet hemm u kien ghadda kollox. Wara xi zmien, pero', l-attur beda jinsisti ghall-flus indikati fuq ic-*cheque* li kien hariglu, izda l-konvenut kien jghidlu li hu ma kellux x'jaqsam.

Fid-dawl ta' dawn iz-zewg versjonijiet kontrastanti, il-kaz jirriduci ruhu f'wiehed ta' kredibilita' u versomiljanza tal-

versjonijiet moghtija mill-partijiet. Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "Farrugia vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966, li *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant"*.

Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kritrju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoi. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", *"mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".*

Din il-qorti tqies li l-istorja li ta l-konvenut mhix kredibbli u lanqas ma hi verosimili; tidher li hi storja vvintata biex jipprova jehles mill-obbligu tieghu li jirrifondi lura l-flus li ha b'self. Il-Qorti taraha stramba, per ezempju, kif il-konvenut, ghalkemm kif jghid hu, ried jaghmel minn kollox biex jehles mit-transazzjoni, huwa xorta baqa' jinqeda bis-servizzi tal-attur u jmur ghandu fl-ufficcju. Il-konvenut jghid li, ghall-proposta tal-attur, hu ghall-ewwel qallu le, izda, kull meta kien jerga' jmur ikellmu l-ufficju, l-attur kien jerga' jissikkah, u fl-ahhar staha minnu u accetta. Jekk il-konvenut ried jehles mill-attur u l-pressjoni tieghu, l-ewwel haga li kellu jaghmel kien li ma jersaqx aktar lejn l-ufficcju tal-attur u jinqeda b'agenzija ohra, simili ghal dik tal-attur, li bhala hawn hafna gewwa Malta. Zgur li biex jehles min-

negozju li ma jridx li jsir, dak li jkun m'ghandux ripettament jirrikorri f'halq il-lupu, sakemmm fl-ahhar ipoggi lilu nnifsu li jkollu jcedi ghall-pressjoni. Ma tantx taghmel sens li wiehed li ried jaghmel "minn kollox" biex ma jinvolvix ruhu f'negozju mal-attur, jibqa' javvicina lill-attur diversi drabi ohra fuq xoghol, meta seta' facilment jinqeda mod iehor jew `band'ohra'. L-agir tal-konvenut mhux konsistenti ma' dik ta' persuna li trid tehles u tahrab mill-pressjoni tal-attur.

Din il-Qorti taraha stramba wkoll, kif il-konvenut jaccetta li johroq *cheque* personali tieghu, pagabbli lilu stess u minnu girat in bjank, meta, skond hu, ma kellha tezisti ebda obbligazzjoni li tiggustifika l-hrug ta' dak ic-*cheque*. Il-konvenut huwa persuna li huwa zgur ben konxju tal-konsegwenzi li jirrizultaw bi hrug ta' *cheque*; kien jahdem fil-Bank of Valletta u kien involut fl-investimenti tal-Bank. Hu zgur li kien jaf li persuna m'ghandhiex tiffirma *cheque* bl-addocc, u li l-hrug ta' *cheque* jista' jigi interpretat bhala *prima facie* prova ta' obbligazzjoni. Ciononostante, hareg dan ic-*cheque* u ghaddieh lill-attur minghajr ma jkopri ruhu kontra l-eventwalita' li dak ic-*cheque* jigi ppresentat lill-Bank ghall-pagament. Skond il-konvenut, hu ma riedx jidhol f'negozju mal-attur u ghamel mezz li dan in-negozju ma jsehhx (tant li ghalaq il-kont li kellu ma' Bank Ingliz), izda avvolja ma kien hemm xejn bejnu u l-attur, xorta hareg *cheque* personali u ghaddieh lill-attur. Inoltre, il-konvenut, bhala bniedem tal-esperjenza, zgur li kien jaf li jekk johrog *cheque* meta kien jaf li flus warajh ma kienx hemm (ghax kien ghalaq il-kont xi ftit taz-zmien qabel), ikun qed jesponi ruhu ghall-proceduri kriminali anke fuq bazi ta' frodi. Il-konvenut, allura, irid li din il-Qorti tifhem li avvolja hu kien jaf li ma kien hemm ebda relazzjoni bejnu u l-attur, hu ghamel att – hrug ta' *cheque* personali – li jista' jinftiehem bhala ammissjoni tal-kwalita' tieghu ta' debitur u li jista' wkoll jesponieh ghall-proceduri kriminali – u dan kollu ghax kien qed jisthi mill-attur! Il-konvenut mhux persuna fidila u, ghall-esperjenza li ha mix-xoghol tieghu ma' Bank kummercjali, kien jaf u seta' japprezza dak kollu li kien qed jaghmel.

Il-konvenut ukoll lanqas ma ttanta jressaq il-prova li s-suppost "klienti barranin" tal-attur ippruva jittrasferixxu flus fil-kont tieghu mal-Cooperative Bank. Veru li hu jghid li kien ghalaq il-kont qabel ma hareg ic-*cheque* personali tieghu, izda lill-attur ma qallux b'dan u l-"klienti barranin" kellom tal-anqas jippruvaw jaghmlu t-transfer allegat, u jekk sar tali tentattiv, il-Bank tieghu kien ikollu *record* taghha. Il-konvenut, pero', lanqas ipprova jressaq din il-provi li kienet tkun importanti ghall-kaz tieghu. Dan in-nuqqas ukoll idghajef l-istorja tieghu.

Haga ohra li mhux facli titwemmen hija l-allegazzjoni tal-konvenut li, wara li dahak bl-attur (meta hariglu *cheque* fuq kont maghluq), ippretenda li l-istorja kellha tieqaf hemm u li kollox kien ghadda. Tal-anqas, zgur li kellu jistenna li, wara li l-"klienti barranin" tal-attur jiskopru li ma jistghux jaghmlu t-*transfer*, huma jikkomunikaw mal-attur u dan jirrikorri ghandu u jcanfru fuq it-*trick* li ghamillu. Il-konvenut, pero', dan lanqas biss stenna li jigri. Hu haseb li meta l-attur jinduna li dak li weghdu l-konvenut ma sehhx, l-attur kien jaccetta kollox, joqghod kwiet, iqatta' c-*cheque* li kellu f'idejh u "l-istorja tieqaf hemm"! Hawn ukoll, il-konvenut jippretendi li din il-Qorti taccetta dan l-argument, meta huwa ovvju li kieku l-ftehim kien kif jallega l-konvenut, l-attur kien zgur jasal biex jilmenta mieghu meta jinduna li l-konvenut ittradieh. Skond il-konvenut, l-attur dam jissikkah u jaghmillu pressjoni biex jaccetta li jircievi flus fil-kont tieghu, izda, skond il-konvenut ukoll, wara li dan fl-ahhar qallu li ser jaqdih, izda ghalaq il-kont biex in-negozju ma jsehhx, l-attur kien ser joqghod kwiet, ma jaghmel ebda ilment, u jinsa kollox! Din il-Qorti mhux lesta taccetta argumenti banali bhal dawn!

Minn naha l-ohra il-versjoni tal-attur hija kredibbli u verosimili, u kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza "Aquilina vs Farrugia", deciza fit-28 ta' Gunju, 2001, "*Illi fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni".* Il-partijiet kienu hbieb u ilhom jafu lil xulxin miz-zmien li t-tnejn li huma kienu jahdmu mal-Bank of Valletta. Meta spiccaw jahdmu mal-Bank, qabdu linja differenti, pero', it-tnejn baqghu nvoluti fi transazzjonijiet internazzjonali u baqghu

f’kuntatt ma’ xulxin, bil-konvenut jinqeda bl-ufficcju tal-attur meta jkollu bzonn xi transazzjonijiet ta’ *foreign exchange*. Darba minnhom il-konvenut kellu bzonn ammont sostanzjali ta’ flus f’idejh, u peress li ma kellux flus disponibbli ghax kienu marbutin f’kont fiss ma’ Bank esteru, ftiehem mal-attur li jsellfu dawn il-flus sakemm jaghlaqlu d-depositu li kellu fil-Bank u jkun jista’ jirrestitwihom. L-attur, peress li l-konvenut kien habib tieghu, accetta dan u bhala garanzija talab u nghata mill-konvenut *cheque* personali tieghu ghall-ammont ekwivalenti fi flus sterlina. Din hi transazzjoni li tista’ u ghandha tigi deskritta bhala “*possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja*” (“Borg vs Bartolo”, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) 25 ta’ Gunju, 1980), u l-Qorti ma ssib xejn fil-komportament tal-attur li twassalha tqies il-versjoni tieghu bhala mhux kredibbli. L-attur deher persuna kredibbli u ma ntweriex lill-Qorti ghala m’ghandhiex taghti affidament lill-istorja tieghu. Li tipprova tghin lil wiehed li kien il-Manager, u kwindi, superjur tieghek meta dan  ta’ l-ahhar ikun fil-bzonn, mhux haga stramba jew li m’ghandhiex titwemmen. L-istorja tal-konvenut, min naha l-ohra, tidher mibnija fuq il-fantasia, u din il-Qorti hija konvinta li l-versjoni tal-attur, hija aktar kredibbli u verosimili, u ta’ min joqghod fuqha.

Ghaldaqstant, ghar-raginijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u wara li tiddikjara li l-ewwel talba giet sorvolata bid-digriet ta’ din il-Qorti tat-23 ta’ Mejju, 2002, tilqa’ t-tieni talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ tlieta u erbghin elf Lira Maltin (LM43,000), bl-imghaxijiet legali mill-24 ta’ Jannar, 2002, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------